**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 t'April 2019**

**Talba Nru: 563/18 CZ**

**Insignia Cards Ltd. (C 54426)**
**vs.**

**Mary Galea (ID 756953 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-4 ta' Dicembru 2018 li biha premettiet:

Illi s-socejta' attrici titlob lil dan it-Tribunal joghgbu jordna u jikkundanna lill-intimata thallas is-somma kumplessiva ta' elf u mija u tmintax-il Euro u tmenin centezmu (€1,118.80) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti in kwantu servizzi rezi in konnessjoni mal-'Valletta FC Card' bil-kont numru 4709 XXXX XXXX 2252 u in kwantu servizzi rezi in konnessjoni mal'Insignia Visa Card' bil-kont numru 4709 XXXX XXXX

2219 fuq talba u a beneficcju tal-intimata u dan kif jirrizultaw mill-fatturi li kopji taghhom qeghdin jigu hawn annessi u mmarkati Dok. X 1 u Dok. X 2.

Illi dan il-kreditu qieghed jigi kkonfermat mir-rapprezentanta tas-socjeta' rikorrenti u dan kif jirrizulta mill-affidavit hawn anness u mmarkat Dok. X3.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv.

Ra illi l-konvenuta giet debitament notifikat u ma pprezentatx risposta.

Ra l-atti kollha tal-kawża;

Ra d-dokumenti li gew anessi mat-talba promotrici.

Ra l-verbal tal-15 t'April 2019 fejn il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ra n-nota ta' ammissjoni tal-konvenuta prezentata fl-istess seduta tal-15 t'April 2019.

Illi s-socjeta' attrici qed titlob somma kumplessiva ta' elf u mija u tmintax-il Euro u tmenin centezmu (€1,118.80) bilanc minn somma akbar, rapprezentanti in kwantu servizzi rezi in konnessjoni mal-'Valletta FC Card' bil-kont numru 4709 XXXX XXXX 2252 u in kwantu servizzi rezi in konnessjoni mal'Insignia Visa Card' bil-kont numru 4709 XXXX XXXX 2219 fuq talba u a beneficcju tal-intimata u dan kif jirrizultaw mill-fatturi li kopji taghhom gew esebiti mat-talba promotrici.

Illi x-xhud **<u>Dr. Jessica Casha</u>**, rapprezentant tas-socjeta' attrici, ikkonfermat li l-konvenuta ghad baqghalha thallas din is-somma, minkejja li ntalbet thallas diversi drabi.

Illi l-konvenuta ammettiet li ghandha thallas is-somma mitluba mis-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, wara li ha konjizzjoni tal-ammissjoni tal-konvenuta, jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf u mija u tmintax-il Euro u tmenin centezmu (€1,118.80), bl-imghax kif mitlub sal-hlas effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-konvenuta.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur